MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 284/2000/2

**Malta Development Corporation**

**v.**

**Medcast Foundry Limited**

## Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici ppremettiet u talbet hekk:
“Peress illi l-Malta Development Corporation f’isem il-Gvern ta’ Malta kienet ittrasferiet permezz ta’ kuntratt fl-Atti tan-Nutar Vincent Miceli tal-14 ta’ Gunju, 1995

(Dokument "A") lis-socjeta` konvenuta b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghal hamsa u sittin (65) sena porzjon ta' art fil-Qasam Industrijali ta' Hal Far, limiti ta' Birzebbugia tal-kejl superficjali ta' madwar tmint elef (8000) metru kwadru, inkluz il-bini u tinda mibnija fuq l-istess art, liema bini u tinda ghandhom rispettivament il-kejl superficjali ta' madwar tmin mitt (800) metru kwadru u ta' madwar elfejn (2000) metru kwadru.

"Peress illi l-imsemmija koncessjoni enfitewtika giet soggetta ghal diversi kundizzjonijiet perentorji, n-nuqqas ta' osservanza ta' liema jimporta x-xoljiment ta' l-istess koncessjoni enfitewtika.

"Peress illi s-socjeta` konvenuta naqset milli tosserva diversi minn dawn il-kundizzjonijiet perentorji, fosthom l-obbligu li timpjega mhux inqas minn 20 impjegat u naqset ukoll milli thallas f'dawn l-ahhar hames snin ic-cens annwu temporanju ta' elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin liri Maltin (Lm1,924) li kien ridott ghal mitt lira Maltin (Lm100) ghall-ewwel tlett snin tal-koncessjoni enfitewtika.

"Peress illi l-imsemmmija koncessjoni enfitewtika giet ukoll soggetta ghal kundizzjoni li jsir pagament ta' *premium* fis-somma totali ta' ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000).

"Peress illi dan l-istess premium kellu jithallas permezz ta' numru ta' pagamenti ratejali u dan skond kif gie stipulat fi klawsola numru 1 tal-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Vincent Miceli tal-14 ta' Gunju, 1995 (Dokument "A") kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "A".

"Peress illi minkejja li s-socjeta` konvenuta giet interpellata diversi drabi, anki ufficjalment, biex thallas ic-cens, il-pagamenti ratejali li kellhom isiru rispettivament bejn Lulju 1996 u Lulju 1999 u bl-imghax relattiv ta' tmienja u nofs fil-mija (8.5%), hija baqghet inadempjenti (Dokumenti "B" sa "E").

"Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

“1. Tiddikjara xolta u mahlula l-imsemmija koncessjoni enfitewtika moghtija b’att tan-Nutar Vincent Miceli tal-14 ta’ Gunju, 1995 u dan ai termini ta’ klawsola tmintax (18) paragrafi (b), (d) u (e) ta’ l-istess kuntratt;

“2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrilaxxja favur l-attur bhala l-padrun dirett, il-pussess tal-porzjon ta’ art fil-Qasam Industrijali ta’ Hal Far, limiti ta’ Birzebbugia tal-kejl superficjali ta’ madwar tmint elef (8000) metru kwadru, inkluz il-bini u tinda mibnija fuq l-istess art, liema bini u tinda li ghandhom rispettivament il-kejl superficjali ta’ madwar tmin mitt (800) metru kwadru u ta’ madwar elfejn (2000) metru kwadru kienu nghataw lis-socjeta` konvenuta b’titolu ta’ cens temporanju permezz ta’ kuntratt fl-Atti tan-Nutar Vincent Miceli datat 14 ta’ Gunju, 1995;

“3. Tillikwida l-ammont ta’ cens dovut li ghandu jithallas lill-attur nomine mis-socjeta` konvenuta fuq il-porzjon ta’ art fil-Qasam Industrijali ta’ Hal Far, limiti ta’ Birzebbugia tal-kejl superficjali ta’ madwar tmint elef (8000) metru kwadru, inkluz il-bini u tinda mibnija fuq l-istess art, liema bini u tinda ghandhom rispettivament il-kejl superficjali ta’ madwar tmin mitt (800) metru kwadru u ta’ madwar elfejn (2000) metru kwadru liema art u bini kienu nghataw b’titolu ta’ cens temporanju permezz ta’ kuntratt fl-Atti tan-Nutar Vincent Miceli tal-14 ta’ Gunju, 1995 ghall-perjodu mit-23 ta’ Frar, 1995 sad-data tal-pagament effettiv u dan a bazi tal-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dokument “F”;

“4. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur (I) l-arretrati ta’ cens dovuta, (ii) il-multi kollha li huma esigibbli skond il-kuntratt tal-14 ta’ Gunju, 1995 fl-Atti tan-Nutar Vincent Miceli;

“5. Tillikwida d-danni li gew rekati lill-attur minhabba n-nuqqas ta’ osservanza tal-kundizzjonijiet tal-koncessjoni enfitewtika (Dok. “A”) da parti tas-socjeta` konvenuta u minhabba x-xoljiment eventwali ta’ l-istess koncessjoni enfitewtika;

"6. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni."

"Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' qbid li qed jigi prezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi l-pretensjonijet tal-korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi kienet il-korporazzjoni attrici l-ewwel li kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim li sar bejn il-partijiet tant illi, kif se jkollha l-opportunita` s-socjeta` konvenuta li tipprova waqt il-mori tal-kawza, il-korporazzjoni attrici gabitha fl-impossibilita` illi tista' tibda topera b'mod li tkun vijabbli kummercjalment u skond l-iskopijiet elenkati fi klawsola numru 2 tal-kuntratt datat 14 ta' Gunju, 2000 u b'mod partikolari bhala funderija.

"2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi."

Rat il-kontro talba tas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni attrici rikonvenzjonata;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April 2004, li in forza taghha ddecidiet dwar l-azzjoni attrici u l-kontro talba fis-sens li;

"Ghal dawn il-motivi

"Il-Qorti tiddeciedi

"Billi tichad l-eccezzjonijiet u s-segwenti kontro-talbiet tas-socjeta` konvenuta;

“Tilqa’ l-ewwel talba attrici;

“Tilqa’ t-tieni talba attrici u tiffissa ghal dan il-ghan **perjodu ta’ tlett xhur** mil-lum biex is-socjeta` konvenuta tirrilaxja favur il-Korporazzjoni attrici il-pussess tal-porzjon ta’ art fil-Qasam Industrijali ta’ Hal Far, limiti ta’ Birzebbugia tal-kejl superficjali ta’ madwar tmint elef (8,000) metru kwadru, inkluz il-bini u tinda mibnija fuq l-istess art, liema bini u tinda li ghandhom rispettivament il-kejl superficjali ta’ madwar tmin mitt (800) metru kwadru u ta’ madwar elfejn (2,000) metru kwadru kienu nghataw lis-socjeta` konvenuta b’titolu ta’ cens temporanju permezz ta’ kuntratt fl-Atti tan-Nutar Vincent Miceli datat 14 ta’ Gunju, 1995;

“Tilqa’ t-tielet talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ tlettax-il elf u seba’ mija u tmienja u sittin elf Liri Maltin (Lm13,768), li tirraprezenta c-cens dovut mit-23 ta’ Frar 1995 sas-sena kurrenti;

“Tilqa’ r-raba’ talba limitatament ghall-ewwel parti taghha kif gja` deciz bit-tielet talba taghha, u tichad it-tieni parti tar-raba’ talba,

“Tichad il-hames talba u s-sitt talba tal-Korporazzjoni attrici stante nuqqas ta’ provi dwar l-istess talbiet.
“Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta kif mitluba hlief ghal-hames u s-sitt talba attrici li ghandhom ikunu a karigu tal-istess socjeta` attrici.”

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti [diversament presjeduta] tat-30 ta’ Novembru 2007 li in forza taghha cahdet l-appell tas-socjeta` konvenuta, u kkonfermat is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“**Dwar ir-“Relocation *expenses”* u l-“*gantry crane*.”**

“F’ittra tat-12 ta’ Gunju, 1995 mibghuta mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta jinghad hekk:

*"We would like to inform you that the Corporation has approved the following assistance in connection with the relocation of your operations from factory RL1, Ricasoli Industrial Estate, to Hal Far Industrial Estate:*

*1. Relocation expenses up to and not exceeding the amount of LM10,000;*

*2. The provision of a beam structure for the installation of an overhead gantry crane at Hal Far and specifications for this structure shall be drawn up by your company and the corporation will reimburse your architect's fees up to LM500."*

"Effettivament is-socjeta` attrici hallset is-somma ta' LM5,000 fir-rigward tar-"*Relocation expenses*" biss irrifjutat thallas sa l-ammont li kienet obbligata li tikkontribwixxi billi qed issostni li qatt ma giet provduta bl-invoices mehtiega. Fir-rigward tal-"*gantry crane*" is-socjeta` appellata tikkontendi li dan ma sarx billi d-disin provdut mis-socjeta` appellanti ma kienx skond il-ftehim.

"Ma hemmx dubbju, u kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, li l-hlas tar-"*Relocation Expenses*" ma kienx jimporta obbligu fuq is-socjeta` attrici li din thallas, minghajr ebda dokumentazzjoni gustifikattiva, is-somma ta' LM10,000 izda li l-istess Korporazzjoni kienet obbligata li tikkontribwixxi ghal dawn l-ispejjez sa massimu ta' LM10,000. Dan ifisser li s-socjeta` konvenuta kellha l-obbligu li tforni dik id-dokumentazzjoni, partikolarment *invoices* jew ricevuti, li jiggustifikaw il-hlas - wara kollox minn fondi pubblici - ta' din il-kontribuzzjoni. Kien jispetta lis-socjeta` konvenuta li turi li dan l-obbligu onoratu qabel ma tinsisti, u dan apparti konsiderazzjonijiet ohra, li jsir dan il-pagament.

"Kif sewwa rrilevat l-ewwel Qorti u kif ukoll gie rilevat mis-socjeta` appellata fir-risposta taghha, dan l-obbligu tas-socjeta` appellanti ma giex onorat u kull ma ghamlet is-socjeta` appellanti kienet li tipprezenta "*breakdown of expenses*" ghar-rilokazzjoni. Dan certament ma kienx

jissodisfa l-obbligu tas-socjeta` appellanti. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

"Illi dwar il-"*Gantry Crane*", kif gja rajna aktar-il fuq dan l-obbligu tas-socjeta` appellata kien jimporta "*The provision of a beam structure for the installation of an overhead gantry crane*" u cioe` "Gantry Crane" wiehed, biss id-disinji provduti mis-socjeta` konvenuta kienu jmorru oltre dak previst fil-ftehim u konsegwentement il-Korporazzjoni kienet intitolata li tirrifjuta li tonora dan l-obbligu. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

"Dan kollu apparti l-fatt li l-obbligi tal-Korporazzjoni biex tipprovdi din l-assistenza kienu marbutin, fost affarijiet ohra, ma "(b) *the payment of the aount of LM2,000 in full and final settlement of all arrears of rent in respect of past occupation of factory <u>RL1 prior to the commencement of works mentioned in clause 2 above"</u>* [cioe` ix-xogholijiet tal-'beam' ghall-istallazzjoni tal-*gantry crane*]*;* (enfasi tal-Qorti) u jidher mhux ikkontestat li dan l-ammont qatt ma thallas u ghalhekk il-Korporazzjoni attrici ma kellha ebda obbligu li tezegwixxi dawn ix-xogholijiet.

"**B) Meta kellu jiskatta l-obbligu tas-socjeta` attrici.**

"Is-socjeta` appellanti ssostni li, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, l-obbligu li tinghata l-assistenza a tenur ta' l-ittra tat-12 ta' Gunju 1995, ma kienx marbut mal-kondizzjonijiet sospensivi hemm imsemmija u cioe` r-rilaxx tal-fabbrika f'Ricasoli u l-hlas ta' l-arretrati tac-cens u dana billi, kif osservat l-istess socjeta` appellanti, l-istess Korporazzjoni kienet bdiet tonora dawn l-obbligi, anke minghajr ma gew sodisfatti l-kondizzjonijiet sospensivi billi ghamlet hlas ta' LM5,000 favur ir-"*relocation expenses*". Izda min qari akkurat ta' l-ittra jidher li l-assistenza kellha zewg aspetti u cioe` dak li jikkoncerna r-rilokazzjoni tal-fabbrika u dan naturalment kien jwassal ghall-izgumbrament tal-fabbrika f'Ricasoli, u l-iehor dwar il-provvista tal-"*beam structure*".

"Fir-rigward ta' l-izgumbrament mil-fabbrika f'Ricasoli dan necessarjament kien jimporta spiza biex l-operazzjoni

tittiehed f'Hal Far u ghalhekk l-ispejjez konnessi kellhom jigu inkorsi qabel ma l-istess fabbrika f'Ricasoli tigi vakata. Kien ghalhekk li s-socjeta` attrici bdiet tonora l-obbligi taghha li thallas ghal dawn ir-"*Relocation expenses*". Mentri ix-xoghol fir-rigward tal-"*beam structure*" kien marbut espressament ma' l-obbligu tas-socjeta` konvenuta li thallas l-arretrati tac-cens. Kemm-il darba dan il-pagament ma sehhx, ix-xogholijiet in kwistjoni ma kellhomx jigu intraprizi. [Ara f'dan ir-rigward il-parti sottolineata fir-rigward tal-kundizzjoni sospensiva].

"Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

"**C) L-Artikolu 1519(1) tal-Kap 16.**

"Fl-ewwel lok jigi rilevat li l-fakolta` moghtija lill-Qorti li tikkoncedi zmien lill-enfitewta li jippurga l-mora meta jkun hemm talba mill-padrun dirett ghall-hall tal-koncessjoni enfitewtika tohrog mis-Sub Artikolu (2) ta' l-Artikolu 1519 u mhux mis-Sub Artikolu (1) billi dan jitkellem biss dwar id-dritt tal-padrun dirett li jitlob il-hall ta' l-enfitewsi u l-hlas tac-cens maghluq. B'dana kollu din il-Qorti tosserva li d-dritt moghti lil Qorti huwa wiehed fakoltattiv u dejjem marbut mac-<u>cirkostanzi partikolari</u> tal-kaz. Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li s-*socjeta*` konvenuta kienet inadempjenti b'mod lampanti fl-obbligi taghha sew fir-rigward tal-hlas tac-cens kemm fil-hlas tal-*premium*, u dana anke wara li giet interpellata ufficjalment. Kienet ghalhekk gustifikata l-ewwel Qorti li tirrifjuta li tezercita il-fakolta` moghtija lilha kif fuq inghad u ma tikkoncedix zmien ghal purgazzjoni tal-mora. Kieku ghamlet hekk kienet tkun qed tistulifika l-iskop tal-ligi u tippregudika serjament id-drittijiet tas-socjeta` attrici naxxenti sew mill-kuntratt enfitewtiku kif ukoll mil-ligi.

"Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifika.

"**D) Dwar il-likwidazzjoni tad-danni.**

"Dwar dan l-aggravju ftit hemm xi tghid billi dan huwa intimament marbut ma' l-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li kien jimporta c-cahda ta' l-ewwel

talba attrici. Billi kif rajna aktar-il fuq l-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti mhux qed jigu akkolti ma hemmx lok li tigi akkolta l-kontro talba tas-socjeta` konvenuta u konsegwentemet ma hemmx lok li jigu likwidati danni favur ta' l-istess socjeta`..”

Rat ir-rikors ta’ ritrattazzjoni tas-socjeta` konvenuta li permezz tieghu talbet li l-appell jigi ritrattat in bazi ghal-paragrafu [e] ta’ l-artikolu 811 tal-Kap.12 tal-ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-risposta tal-korporazzjoni attrici li talbet c-cahda tat-talba ta’ ritrattazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti..

Fit-12 ta’ Gunju 1995 il-partijiet dahlu fi ftehim skritt[1] li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici kienet obbligat ruhha li tassisti lis-socjeta` konvenuta billi, inter alia, tirrifondilha “[1] Relocation expenses up to and not exceeding the amount of Lm10,000; [2][u billi tipprovdilha] a beam structure for the installation of an overhead gantry crane at Hal Far; plans and specifications for the structure shall be drawn up by your company and the corporation will reimburse your architect’s fees up to Lm500;”.

L-imsemmi ftehim ikompli jghid: “The above assistance shall be subject to the following conditions:.[a] the vacation and return of factory RLI to the Corporation immediately upon relocation of your company’s plant, machinery and equipment to Hal Far which relocation should start and be completed within the shortest time

[1] Fol.34 *et seq.*

possible;.[b] the payment of the amount of Lm2,000 in full and final settlement of all arrears of.rent in respect of past occupation of factory RL2 prior to the commencement of works mentioned in clause [2] above."[2]

Il-ftehim jkompli hekk: "Subject to the above, this assistance shall become effective upon the signing of the attached draft agreement of temporary emphyteusis marked A in respect of land at Hal Far."

Illi sussegwentement, fl-14 ta' Gunju 1995 gie ffirmat il-kuntratt ta' emfitewsi temporanja fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli, li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici ttrasferiet b' titolu ta' emfitewsi temporanja lis-socjeta` konvenuta porzjon ta' art fil-Qasam Industrijali ta' Hal Far, taht diversi kondizzjonijiet, fosthom l-obbligu li s-socjeta` konvenuta timpjega mhux anqas minn 20 persuna, thallas ic-cens annwu ta' Lm1,924, li ghall-ewwel tliet snin tal-koncessjoni kien gie ridott ghal Lm100, kif ukoll li l-istess socjeta` konvenuta thallas premium fl-ammont totali ta' Lm20,000 f' numru ta' pagamenti rateali, u li Lm2,000 minnhom thallsu prezenzjalment fuq l-att.

Illi l-korporazzjoni attrici ssostni li s-socjeta` konvenuta naqset milli tosserva diversi kundizzjonijiet, fosthom l-obbligu li timpjega mhux anqas minn 20 persuna, dak li thallas ic-cens ghall-ahhar hames snin, kif ukoll li thallas il-pagamenti rateali li kellhom isiru bejn Lulju 1996 u Lulju 1999, bl-imghax relattiv.

Illi minn naha taghha s-socjeta` konvenuta.ssostni li kienet il-korporazzjoni attrici li l-ewwel kissret il-ftehim datat 12 ta' Gunju 1995, bir-rizultat li gabet lis-socjeta` konvenuta fl-impossibilita' li tista' tibda topera b' mod kummercjalment vijabbli.

Illi fis-sentenza taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili osservat, b' referenza ghall-klawsoli numru 18[b] u [d] tal-kuntratt li, ghajr ghas-somma ta' Lm2,000, is-socjeta` konvenuta ma ghamlet ebda pagament iehor akkont tal-

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti

premium globali, allura ridott ghal Lm18,000..Inoltre, il-hlas tac-cens annwu ta’ Lm1,924 qatt ma sar..Dawn il-fatti provati, jaghtu dritt lill-korporazzjoni titlob ix-xoljiment tal-koncessjoni emfitewtika.

Illi s-socjeta` konvenuta ssostni li kienet l-istess korporazzjoni attrici li, bl-inadempjenza da parti taghha ta’ l-obbligi taghha naxxenti mill-ftehim tat-12 ta’ Gunju 1995, gabet lis-socjeta` konvenuta fl-impossibbilita’ li tissodisfa l-obbligi taghha naxxenti mill-kuntratt tal-14 ta’ Gunju 1995.

Illi l-imsemmija qorti kkonkludiet li l-obbligi ta’ l-attrici ta’ assistenza lejn is-socjeta` konvenuta naxxenti mill-ftehim tat-12 ta’ Gunju, ma kienux gew fis-sehh, stante li dawn kienu soggetti ghall-obbligu tas-socjeta` konvenuta li thallas is-somma ta’ Lm2,000 bhala kera arretrat fuq il-fabbrika RLI, ghal liema obbligu din is-socjeta` baqghet inadempjenti..Dan jirrizulta car mid-dicitura fil-ftehim li “The above assistance <u>shall be subject</u>..”[3]

Inoltre, il-korporazzjoni attrici kellha ragun meta ma komplietx thallas ghall-ispejjez tar-rilokazzjoni wara l-hlas volontarju ta’ Lm5,000 minghajr ma tinghata breakdown dettaljat ta’ l-ispejjez u spjegazzjoni fejn jidhrilha li certi ammonti kienu esagerati. Tghid li “Il-korporazzjoni attrici qatt ma cahdet li thallas, izda rrifjutat li thallas b’ ghajnejha maghluqa, b’ mod spejcali minhabba l-fatt li dawn il-flus jinharrgu minn fondi pubblici, u ghalhekk ghandha responsabbilita’ akbar f dan is-sens.”

Fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet, dik il-qorti, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u s-segwenti kontro talbiet, laqghet l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici, u l-ewwel parti tar-raba’ talba, filwaqt li cahdet il-kumplament tat-talbiet attrici.

Illi in segwitu ghal appell maghmul mis-socjeta` konvenuta, din il-Qorti [diversament presjeduta] ikkonfermat is-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti fl-interezza taghha, wara li osservat is-segwenti.

---

[3] Sottolinear ta’ l-Ewwel Qorti

Illi r-rifjut da parti tas-socjeta` attrici li thallas izjed mis-somma ta' Lm5,000 bhala relocation expenses kien gustifikat stante li "qatt ma giet provduta bl-invoices mehtiega." u li l-hlas ta' dawn l-ispejjez "ma kienx jimporta obbligu fuq is-socjeta` attrici li din thallas minghajr ebda dokumentazzjoni gustifikattiva is-somma ta' Lm10,000".Il-prezentata ta' breakdown ta' l-ispejjez "certament ma kienx jossodisfa l-obbligu tas-socjeta` appellanti."

Illi rigward il-'beam structure' ghal 'gantry crane', tosserva li "id-disinji provduti mis-socjeta` konvenuta kienu jmorru oltre dak previst fil-ftehim, u konsegwentement il-Korporazzjoni kienet intitolata li tirrifjuta li tonora dan l-obbligu." u dan apparti mill-konsiderazzjoni li dan l-obbligu tas-socjeta` kien marbut inter alia mal-kondizzjoni tal-hlas da parti tas-socjeta` konvenuta tas-somma ta' Lm2,000 ghas-saldu tal-arretrati ta' kera dovuti minnha fuq il-fabbrika RLI, liema ammont jirrizulta li ma kienx thallas.

Illi l-obbligu ta' assistenza tal-korporazzjoni attrici kellu jiskatta <u>wara</u> li jigu sodisfatti l-obbligi li s-socjeta` konvenuta kienet assumiet fl-istess ftehim..Din l-assistenza kellha zewg aspetti, dak li jikkoncerna r-rilokazzjoni tal-fabbrika u dak dwar il-provvista tal-beam structure.  Dan johrog car mid-dicitura tal-ftehim tat-12 ta' Gunju 1995..

Fir-rigward tar-rilokazzjoni, il-Qorti osservat li l-fatt li l-korporazzjoni attrici kienet bdiet tonora l-obbligu taghha tal-hlas tar-relocation expenses u ghamlet hekk sas-somma ta' Lm5,000 ma jimmilitax kontra taghha, stante li "l-izgumbrament mill-fabbrika f'Ricasoli dan necessarjament kien jimporta spiza biex l-operazzjoni tittiehed Hal Far, u ghalhekk l-ispejjez konnessi kellhom jigu nkorsi qabel ma' l-istess fabbrika f'Ricasoli tigi vakata. Kien ghalhekk li s-socjeta` attrici bdiet tonora l-obbligi li thallas dawn ir-relocation expenses"..Filwaqt li x-xoghol dwar il-beam structure kien espressament marbut ma' l-obbligu tas-socjeta` konvenuta li thallas l-arretrati tac-cens.

Illi rigward l-aggravju bazat fuq l-artikolu 1519 [2] tal-Kap.16, gie osservat li d-dritt moghti lil Qorti huwa wiehed fakoltattiv u dejjem marbut mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz;.u f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti kienet gustifikata li.tirrifjuta li tezercita din il-fakolta' u ma tikkoncedix zmien ghall-purgazzjoni tal-mora.

*Talba u kontestazzjonijiet*

Illi r-raguni.proposta mis-socjeta` appellanti bhala motiv tar-ritrattazzjoni, hija bazata fuq id-dispost tal-**paragrafu [e]** ta' l-artikolu 811 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jikkontempla bhala wahda mir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni l-kaz meta "is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin" fis-sens li "id-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni."

In tema legali jigi osservat li jinsab stabbilit fil-gurisprudenza, li fil-kaz ta' ritrattazjoni bazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, l-fatti kif gew stabbiliti fis-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, mhumiex aktar sindakabbli..Ghalhekk f' dan l-istadju ma ghandux jsir ezami mill-gdid tal-fatti tal-kawza u lanqas jigu vvalutati jew interpretati b' mod iehor ghajr kif gew ivvalutati u determinati fis-sentenza impunjata[4]. [App.S. Xuereb utrinque 20.01.1992]. *"Per vedere se vi sia male applicazione della legge deve prendersi per **unica base il fatto come stabbilito** dalla Corte nella sentenza impugnata".[Vol.XXVII.I.433]*

Hu stabbilit illi jkun hemm lok ghal ritrattazjoni jekk jirrizulta li l-Qorti tkun applikat il-ligi hazina ghall-fatti kif ippruvati, u mhux jekk tapplika l-ligi ghal dawk il-fatti hazin..“L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi, tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, razzjoncinju u argumenti." [5]

[4] App.S. Anthony Camilleri vs Avk. Dr.Victor Ragonesi noe [Vol.LXXXI.II.452],
[5] App.Aquilina v Aquilina [Vol.XLII.I.227]; App. Joseph Micallef vs George Pavia deciza 8.11.1993 [ vide kazistika citata].

"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza, ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti ppruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat dispozizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata…. [cioe'].applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi tajba b' mod hazin."[6]

Ferm il-premess il-Qorti ser tghaddi ghall-ezami tal-argumenti proposti mis-socjeta` konvenuta in sostenn tat-talba taghha..Illi fis-sustanza, hija ssostni li din il-Qorti kienet "applikat hazin il-ligi" meta sostniet "illi l-obbligi tas-socjeta` appellata-ritrattata qatt ma setghu skattaw, u dan ghaliex is-socjeta` rittrattanda m'onorotax l-obbligi taghha ai termini ta' 'letter of intent' datata 12 ta' Gunju 1995" u dana peress li l-istess socjeta` appellata kienet onorat l-obbligi taghha billi hallset l-ispejjez tar-rilokazzjoni..Hija ssostni li "Il-Qorti ma setghet qatt issostni li m'hemmx inadempjenza da parti tas-socjeta` appellata-rittratta meta din is-socjeta` ghazelet li titlef dan il-beneficju ta' kondizzjoni sospensiva a favur taghha u cioe' li ma thallasx xejn lis-socjeta` appellanti-rittrattandi qabel ma din tonora l-obbligu taghha tal-hlas ta' Lm2,000 u dan billi hi stess ghazlet li tirrinunzja ghal tali beneficju.."

Huwa jsemmi fir-rikors tieghu l-artikoli 1063 u 1068 tal-Kap.16 li messhom gew applikati mill-Qorti fid-determinazzjoni ta' l-appell.

Illi l-korporazzjoni attrici, wara li ghamlet osservazzjoni ta' natura procedurali dwar il-validita' tar-rikors kif promoss, issostni li dak li qed tippromwovi s-socjeta` konvenuta, bhala bazi ghat-talba ta' ritrattazzjoni "mhux xejn ghajr

---

[6] App. Reginald Micallef et noe vs Godwin Abela et noe deciza 3.06.1994

osservazzjonijiet dwar il-fatti u mhux dwar il-ligi li kellha tigi applikata.”.Tghid li din il-Qorti ma applikatx ligi hazina.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Din l-Qorti tosserva illi dak li qed tissottometti s-socjeta` konvenuta, in sostanza, jekwivali ghall-apprezzament hazin tal-fatti da parti tal-Qorti ta’ l-Appell meta din iddecidiet li l-obbligi tal-korporazzjoni attrici, kif jemergu mill-ftehim tat-12 ta’ Gunju 1995, ma bdewx jiskattaw stante li s-socjeta` ritrattandi ma kienitx ghadha ssodisfat l-obbligi taghha, senjatament dak tal-hlas ta’ Lm2,000 arretrati ta’ kera..

Inoltre, issostni li l-korporazzjoni attrici kienet irrinunzjat ghall-kondizzjoni sospensiva bil-fatt li bdiet thallas ghall-ispejjez tar-rilokazzjoni.

Minn dan jirrizulta car li l-ezami li ghamlet din il-Qorti kien wiehed ta’ apprezzament ta’ fatti u senjatament interpretazzjoni fattwali tal-ftehim iffirmat mill-partijiet, senjatament dak tat-12 ta’ Gunju 1995;.u, fil-proceduri odjerni, is-socjeta` konvenuta qeda tattakka proprju dan l-ezercizzju ta’ apprezzament li ghamlet din il-Qorti, liema ezercizzju mill-aspett legali kien necessarjment jinvolvi l-applikazzjoni proprju ta’ l-artikolu 1063 citat mis-socjeta` konvenuta, li fis-sub inciz [1] jispjega li kuncett tal-kondizzjoni sospensiva u fis-sub inciz [2] jghid li “L-obbligazzjoni taht kondizzjoni suspensiva ma tezistix qabel ma l-grajja tigri.”.Kien proprju dan l-artikolu li gie applikat, <u>u li kellu jigi applikat</u>, minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta’ Novembru 2007.

Illi l-artikolu l-iehor indikat mis-socjeta` konvenuta b’tentattiv li taghti faccata legali lir-rikors taghha minnhabba r-rekwizit ta’ l-artikolu 811[e], huwa l-artikolu 1068 li jiddisponi li l-kondizzjoni rizoluttiva hija implicita fil-kuntratti bilaterali kollha fil-kaz li wahda mill-partijiet kontraenti tkun inadempjenti; u wkoll, li l-kuntratt ma jinhallx ipso jure, izda huwa fakoltattiv ghall-qorti li taghti, skond ic-cirkostanzi, zmien xieraq lill-inadempjenti, sabiex tissodisfa l-obbligi kuntrattwali taghha.

In propozitu l-Qorti tirrileva li: [1] is-socjeta` konvenuta ma elaboratx fuq dan l-artikolu citat minnha fir-rikors, u cioe' kif jinkwadra fit-tezi taghha, kif lanqas gie indikat fir-rikors ta' l-appell taghha;.[2] l-istess socjeta` fil-petizzjoni ta' l-appell kienet iccitat l-artikolu 1519 li, kif fuq indikat, huwa partikolari ghall-istitut tac-cens, u li gie applikat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha.

Ghal dawn il-motivi tirrespingi t-talbiet mressqa mis-socjeta` konvenuta fir-rikors taghha; u; billi wkoll hija tal-fehma li t-talba ghar-ritrattazzjoni kienet fiergha u vessatorja, mahsuba biex ittawwal ghalxejn il-proceduri, il-qorti, wara li rat il-para.10[1] tat-Tariffa A mehmuza bhala Skeda A mal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, tikkundanna lill-konvenut appellant jhallas lir-Registratur tal-Qrati spejjez addizzjonali ta' sitt mitt ewro [€600].

L-ispejjez kollha gudizzjarji jkunu a karigu tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------